**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002

**Avviz Nru: 791/02 AJD.**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Busietta Gardens Madliena Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin u seba' centezmi (Lm230.07), rappresentanti hlas ghal servizzji rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta konnessi mal-mobile phone bin-numru 99425577.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data minn meta kien dovut l-ammont odjern fit-talba sad-data tal-pagament.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin u seba' centezmi (Lm230.07), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**